# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAL-31 TA' MEJJU 2022**

**Kawża Numru: 6**

**Rik. Ġur. 219/2017 RGM**

**Joseph Mifsud**

**vs.**

**Justin Mifsud**

**Il-Qorti:**

Rat ir-**rikors ġuramentat ta' Joseph Mifsud** ippreżentat fl-10 ta' Marzu, 2017 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1. Illi l-attur huwa missier il-konvenut.

2. Illi permezz ta' skrittura privata datata tnejn (2) t'April tas-sena elfejn u tnax (2012), il-konvenut ikkostitwixxa ruħu bħala veru, ċert u likwidu debitur versu l-attur fl-ammont ta' sbatax-il elf Ewro (€17,000), u dan rappreżentanti

self *brevi manu* preċedentement magħmul, u dan mingħajr interessi u restitwibbli f'pagamenti mensili ta' ħames mija u tletin Ewro (€530) jew kwalunkwe somma oħra hekk kif miftiehem bejn il-partijiet fix-xahar sakemm jitħallas id-dejn kollu.

3. Illi sussegwentement għall-istess skrittura privata, l-attur silef lill-konvenut *brevi manu* s-somma ulterjuri ta' tlett elef Ewro (€3,000).

4. Illi l-konvenut sallum ħallas lura lill-attur is-somma ta' elf Ewro (€1,000) biss.

5. Illi wkoll permezz ta' l-istess skrittura privata datata tnejn (2) t'April tas-sena elfejn u tnax (2012), l-attur silef lill-konvenut il-vann tal-marka "Isuzu" bin-numru ta' reġistrazzjoni JBG wieħed erbgħa ħamsa (145), mingħajr ħlas u dan sabiex il-konvenut jagħmel xi xogħol u jkun jista' jħallas lura s-somma mislufa lilu mill-attur.

6. Illi l-konvenut, għalkemm interpellat sabiex iħallas lill-attur il-bilanċ tad-dejn dovut lilu kif ukoll jirritorna l-vettura lilu mislufa kif fuq premess, baqa' inadempjenti.

7. Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża.

8. Illi l-attur jiddikjara li jaf bil-fatti fuq premessi personalment.

Għaldaqstant l-attur umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti, previa kull provvediment jew dikjarazzjoni opportuna, jogħġobha:

(1) tiddikjara u tiddeċiedi illi l-konvenut huwa debitur ta' l-attur fis-somma ta' dsatax-il elf Ewro (€19,000);

(2) tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' dsatax-il elf Ewro (€19,000), bl-imgħaxijiet legali mill-ewwel (1) ta' Jannar tas-sena elfejn u ħmistax (2015) sal-jum tal-ħlas effettiv;

(3) tiddeċiedi u tiddikjara illi l-konvenut huwa obbligat irodd lura lill-attur il-vann tal-marka “Isuzu” bin-numru ta’ reġistrazzjoni JBG wieħed erbgħa ħamsa (145);

(4) tikkundanna lill-konvenut irodd lura lill-attur il-vann tal-marka “Isuzu” bin-numru ta’ reġistrazzjoni JBG wieħed erbgħa ħamsa (145) u dan entro terminu qasir u perentorju li jiġi minnha prefiss għall-istess skop;

(5) f’każ li l-konvenut jonqos milli jrodd lura lill-attur il-vann tal-marka “Isuzu” bin-numru ta’ reġistrazzjoni JBG wieħed erbgħa ħamsa (145) fit-terminu perentorju li jiġi lilu prefiss kif mitlub, tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur somma li tiġi minnha likwidata bħala korrispondenti għall-valur ta’ l-istess vann, bl-imgħax legali sal-jum tal-ħlas effettiv.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li huwa minn issa nġunt in subizzjoni.

Rat ir-**risposta ġuramentata ta’ Justin Mifsud** ippreżentata fit-8 ta’ Mejju, 2017 fejn jingħad kif ġej:

**<u>Stqarrija tal-Eccezzjonijiet</u>**

1. Illi l-intimat jecepixxi in-nullita` tal-iskrittura privata datata tnejn (2) ta’ April 2012 li fuqa r-rikorrenti qed isejjes dina l-kawza u dana stante illi dina l-iskrittura giet iffirmata in konsegwenza ta’ zball daparti tal-Intimat u minhabba theddid u vjolenza morali ezercitata mir-rikorrenti fil-konfront ta’ ibnu l-Intimat u dana hekk kif sejjer jirrizulta f’dina l-kawza u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda *in toto*;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kawza tal-iskrittura privata msemmija hija wahda falza u dana ghaliex l-Intimat qatt ma ssellef *brevi manu* l-ammonti ta’ sbatax -il elf ewro (€17,000) u ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda *in toto*;

3. Illi l-Intimat, wara d-data ta' dina l-Iskrittura, qatt ma ssellef *brevi manu* l-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000) minghand ir-rikorrenti hekk kif allegat u ghalhekk dina t-talba ghandha tigi michuda;

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost l-Intimat jirrileva illi r-rikorrenti xi snin ilu kien hajru sabiex jikri u jopera bar tal-Kazin tal-Partit Laburista ta' Santa Venera u effettivament r-rikorrenti kien xtara l-*opening stock* tal-imsemmi bar u xi affarijiet ta' *cate…ring* li kienu se jintuzaw fil-kcina li certament ma kienux jiswew iktar minn sitt elef ewro (€6,000) bejniethom ossia circa tlett elef ewro (€3,000 rispettivament;

5. Illi r-rikorrenti ha hsieb jopera l-kcina tal-istess bar u kien qed izomm ghalih il-qligh li kien qed jigi ggenerat mill-istess kcina mentri l-Intimat kien qed jopera l-bar u jzomm ghalih il-qligh iggenerat mill-istess filwaqt li kien qed ihallas il-kirja esklussivament l-Intimat;

6. Illi r-rikorrenti kien ihallas l-ispejjez in konnessjoni mal-operat tal-kcina u filwaqt li l-Intimat kien ihallas l-Ispejjez tal-bar;

7. Illi wara li ntemmet dina l-kirja r-rikorrenti kien ha u zamm l-affarijiet li kien xtara ghal dina l-kcina ghalih flimkien ma' accessorji ohra li kien xtara;

8. Illi in oltre r-rikorrenti kien ha hsieb jaghmel bar gdid ghall-liema bar gdid huwa kien thallas mill-Kumitat tal-istess kazin;

9. Illi r-rikorrenti qatt ma kien semma illi l-Intimat kellu jrodd xi spejjez lura lil missieru u kien biss meta inqala' dizgwid bejn ir-rikorrenti u omm l-Intimat li huwa beda jsemmi l-flus u li mbaghad wassal ghall-iffirmar tal-iskrittura privata li qed tigi debitament ikontestata bil-qawwa kollha;

10. Illi madankollu jekk hemm ammont li huwa dovut lir-rikorrenti mill-Intimat dana semmai jammonta ghal circa tlett elef ewro (€3,000) rapprezentanti l-ammont tal-*opening stock* mixtri mir-rikorrenti hekk kif 'l fuq

spjegat li minnhom l-Intimat gia hallas elfejn tlett mija and hamsin ewro (€2,350);

11. Illi dwar il-vann Isuzu bin-numru ta' registrazzjoni JBG-143 sa fejn jaf l-Intimat dina ma kenitx tappartjeni lir-rikorrenti hekk kif se jigi ppruvat f'dina l-kawza u ghalhekk kwalunkwe talba in konnessjoni mal-istess ghandha tigi michuda;

12. Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti ghandhom ikunu kollha michuda bl-ispejjez kontra tieghu;

Salv difizi ulterjuri hekk kif permessi mil-ligi;

Bl-ispejjez.

Rat l-atti tal-kawża;

Rat il-provi li tressqu waqt il-prosegwiment tal-kawża;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur ippreżentata fis-27 t'Ottubru 2021[1], kif ukoll in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut ippreżentat fid-29 ta' Diċembru 2021[2];

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Fatti fil-Qosor**

Fit-2 t'April 2012, Joseph Mifsud u ibnu Justin Mifsud daħlu fi ftehim bil-miktub quddiem in-Nutar Reuben Debono li permezz tiegħu il-konvenut Justin

[1] Paġna 175 et seq tal-proċess.
[2] Paġna 188 et seq tal-proċess.

Mifsud ikkostitwixxa ruħu bħala debitur versu l-kreditur missieru l-attur Joseph Mifsud għas-somma ta' €17,000. F'din l-iskrittura jingħad illi l-ammont kien jirrappreżenta self *brevi manu*.

Il-kundizzjonijiet maqbula fuq l-imsemmija skrittura huma s-segwenti:

1. mingħajr interessi;
2. restitwibbli f'pagamenti mensili ta' €530 jew kwalunkwe somma oħra maqbula bejn il-partijiet fix-xahar sakemm jitħallas id-dejn.

Bis-saħħa tal-istess skrittura l-attur silef il-vann tat-tip Isuzu bin-numru ta' reġistrazzjoni JBG 145 lill-konvenut u dan mingħajr ħlas.

Skont l-attur, sussegwentament għal dan il-ftehim huwa kien silef lill-ibnu konvenut somma oħra ta' €3,000 iżda jgħid li dwar dan is-self ma kienux għamlu skrittura.

L-attur jgħid illi ż-żmien gerbeb u ibnu baqa' ma ħallsux ħlief għas-somma ta' €1,000.

Għalhekk jgħid li fetaħ din il-kawża sabiex il-Qorti tordna lill-konvenut iħallas id-dejn li għandu miegħu u sabiex jirritorna l-vettura mislufa.

Il-konvenut min-naħa tiegħu jeċċepixxi li l-iskrittura tat-2 t'April 2012 hija nulla għaliex saret minħabba theddid u vjolenza morali min-naħa tal-attur u li m'huwiex minnu li missieru selfu €17,000 imbagħad €3,000 oħra. Il-konvenut jgħid li s-somma li huwa għandu jagħti lill-missieru hija dik ta' €3,000 rappreżentanti l-ammont tal-*opening stock* mixtri mill-attur tal-bar li hu u missieru bdew jikru fejn l-attur kien qiegħed jopera l-kċina filwaqt li l-konvenut kien qiegħed jopera l-bar. Rigwardanti l-vann, il-konvenut jgħid li minn dak li jaf hu, il-vann m'huwiex proprjeta tal-attur.

Ikkunsidrat;

**Provi**

L-**attur Joseph Mifsud** xehed permezz t'affidavit fejn jgħid li l-konvenut Justin jiġi l-iżgħar fost uliedu. Qal li Justin f'xi żmien kien tħajjar jieħu bar f'idejh biex imexxih u jaqla l-flus mnnu u dak iż-żmien kien hemm opportunita li jittieħed il-Każin tal-Partit Laburista ta' Santa Venera.

Jgħid li Justin kellu 19-il sena u billi kien għadu żgħir huwa kien aċċetta li jgħinu. Kienu ddeċidew li jagħmlu offerta ta' €350 kera kull tlett xhur u din l-offerta ġiet aċċettata mill-każin. Qal li l-kuntratt kellu jsir fuqu għax Justin kien għadu żgħir, pero jgħid li huwa għamilha ċara ma' ibnu li kellu jkun responsabbli għal kollox u dan għamlu sabiex ibnu jitgħallem jerfa' responsabbilita. Il-bar kien fi stat ħażin ħafna u kien hemm bżonn isiru diversi tiswijiet u xogħol fih sabiex ikun jista' jintuża. Qal li huwa kien qabbad pizzar u l-ftehim kien li l-pizzar jitħallas minnu (mill-attur) u l-qliegħ tal-pizza jżommhom hu (l-attur). Jgħid li dawn l-ispejjeż inkluż tal-ewwel *stock* tax-xorb għamilhom hu.

Skond l-attur il-ftehim tiegħu mal-konvenut kien li l-konvenut kien ser jieħu l-qliegħ tal-bar. Jgħid li tal-Każin rieduh il-bar (ċioe l-bank) li kien ġab hu u kien għalhekk ftiehem magħhom li jħallsuh is-somma ta' €4,500.

Spjega li meta l-konvenut beda jiftaħ il-bar fil-bidu kien sejjer tajjeb iżda ftit taż-żmien wara ibnu beda jsir dilettant taż-żwiemel u beda jonfoq aktar fuq iż-żwiemel milli fil-bar u spiċċa biex ma setax jistokkja sew.

Jgħid li nelfrattemp il-qliegħ tal-pizza beda jeħodhom ibnu wkoll. Jgħid li l-bar ittieħdilhom lura u kien diżappuntant u ppretenda li ta l-ispejjeż li għamel ibnu kellu jikkumpensah.

Jgħid li huwa kien poġġa bil-qiegħda miegħu u wrih l-ispejjeż kollha li għamel u li kien nefaq €17,000. Jgħid li ibnu aċċetta li jagħtihomlu. Iż-żmien beda għaddej u l-konvenut baqa' ma ħallsux. Beda jissikkah biex iħallsu u għalkemm il-konvenut ma kienx jiċħad miegħu li għandu jaghtihomlu, xorta

waħda baqa' ma ħallsux. L-attur jgħid li għalek kien qal lill-konvenut li huwa ried li jagħmlu karta bin-nutar u jiftehmu somma li kellha titħallas kull xahar u l-konvenut aċċetta u marru għand in-Nutar Reuben Debono fejn saret l-iskrittura tat-2 t'April 2012 mertu tal-kawża.

Huwa jiċħad li sforza jew hedded lill-ibnu sabiex jiffirma dik l-iskrittura. Jammetti li huwa ġera warajh sabiex jitħallas tal-ispejjeż pero' ċaħad li qatt ġiegħlu jiffirma jew heddu.

Dwar il-karozza huwa jgħid li kienet fil-pussess tiegħu u hu kien jagħmel użu minnha nonostante li l-*logbook* kien fuq isem ibnu Clinton. Ix-xhud jgħid li ma jafx din il-vettura illum għand minn qiegħda. Qal li xi żmien wara l-iskrittura tat-2 t'April 2012 il-konvenut kien kellmu li ser jieħu xi bar il-Ħamrun flimkien ma' sieħbu u kien talbu jsellfu €3,000.

Jgħid li bit-tama li ibnu jitgħallem jaħdem huwa aċċetta u kien qallu li l-flus kien ser jissellifhom mingħand oħtu Dorianne. Ix-xhud jgħid li l-avventura tal-bar tal-Ħamrun spiċċat wara xi tlett xhur biss. L-attur jgħid li l-konvenut ħallsu b'kollox €1,000 fejn il-flus kien jgħaddihom lill-oħtu Dorianne li mbagħad kienet tagħmel irċevuta u tgħaddi l-flus lilu. Jgħid li bintu Dorianne kienet għamlet pitazz zgħir b'dawn l-irċevuti liema pitazz sa fejn jaf hu kien għadu fil-pussess tagħha.

**In kontro-eżami,** l-attur jikkonferma li l-bar kien tħajjar għalih ibnu u mhux hu. Jgħid li peress li ibnu kien għadu żgħir fl-eta, il-Każin riedu lil xi ħadd ikbar u kien għalhekk li l-kirja għamilha f'ismu. Jispjega li huwa kellu x-xogħol tiegħu u ma riedx jintefa fil-bar u għalhekk mhux eżatt meta jingħad li Justin kien ħa jieħu ħsieb il-bar u hu kien ħa jieħu ħsieb il-kċina.

Jgħid li huwa kien jgħinu. Jgħid li l-*cash register* kienet f'isem ibnu u kull ma jidħol kien jidħol f'ismu. Jikkonferma li ċertu xogħlijiet saru bi tpartit ma' *sponsorship*. L-attur jgħid li l-bar kien sejjer lura u mar għat-twellija u kien hemm minn tefa' iżjed biex imexxih. Jikkonferma li l-istokk tal-bar kien sewa madwar €4,000 li kien xtrah hu. L-affarijiet tal-kċina kienu affarijiet tiegħu

minn tal-gabbana u poġġihom hemm bil-ħsieb li jerġa jeħodhom meta l-kirja tieqaf u fil-fatt hekk għamel. Kull ma ħalla kien il-bar li tħallas tiegħu mill-Każin.

Dwar in-Nutar jgħid li kien hu li għażlu u dak li nkiteb fil-kuntratt sar dak il-ħin u qabel ma kien qallu xejn xi jrid isir. Meta ġie mistoqsi x'jirrappreżentaw s-€17,000, ix-xhud jgħid li kienu ta' dak kollu li sar fil-każin – televisions, xorb, xogħol ta' tibjid, xkatlar, dawl eċċ li għamel hu. Jgħid li t-television, l-armatura bil-mirja, bis-siġġijiet u kollox il-konvenut ħallihom fil-Każin li twellew lil ta' warajh. Jinnega li huwa beda jiġri wara ibnu għall-flus wara li nbdew il-proċeduri ta' separazzjoni bejn l-attur u martu filwaqt li l-konvenut iddeċieda li jibqa' jgħix m'ommu.

L-attur jikkonferma li l-vann li jissemma fil-kuntratt kien liċenzjat fuq ibnu l-kbir u wara xi żmien ibnu l-kbir iddeċieda li jbiegħu. Jgħid li m'huwiex minnu li l-konvenut ħallsu madwar €3,000 iżda jgħid li tah xi elf ewro u dan skont il-ktieb tal-ħlas.

Il-**konvenut Justin Mifsud** xehed permezz ta' affidavit fejn spjega li missieru Joseph Mifsud kien ħajru jikri u jopera bar tal-Każin tal-Partit Laburista ta' Santa Venera u missieru kien xtara l-*opening stock* tal-kċina u bar tal-istess każin li skont il-konvenut dawn ma kinux jiswew aktar minn €6,000 b'kollox u għalhekk bejniethom mhux aktar minn €3,000. Il-kirja bdiet għal ħabta ta' Ġunju 2009. Jispejga li missieru kien jopera l-kċina u l-qliegħ li jagħmel minnha jżommu hu u hu kien jopera l-bar u l-qliegħ kien iżommu hu.

Il-konvenut jgħid li l-kirja ta' €350 kull tlett xhur kien iħallasha hu allavolja l-kuntratt ta' kiri kien sar fuq missieru. Il-konvenut jgħid li l-ispejjeż tal-bar kienu jitħallsu minnu filwaqt li l-ispejjeż tal-kċina kienu jsiru minn missieru. Il-kirja ġiet fi tmiemha għal ħabta ta' Settembru 2013. Jgħid li l-kuntratt tal-2012 li għamel ma' missieru kien sar wara li inqala' diżgwid bejn missieru u ommu fis-sena 2011 / 2012..

Il-konvenut jinsisti fl-affidavit tiegħu li l-unika ħlas li jista' jkun dovut lill-missieru hija s-somma ta' €3,000 kif spjegat u li minnhom diġa ħallas €2,350 bejn Jannar 2014 u Diċembru 2014. Huwa jgħid li missieru kien jgħidlu li għandu jtih €20,000 iżda hu kien jinsisti miegħu li semai €3,000 kellu jtih tal-istock tal-bar. Jgħid li għodwa waħda missieru kien ċempillu biex imorru għand in-Nutar ħalli jiffirmaw skrittura u pereress li missieru qabad jgħajjat u jidgħi, u peress li huwa kien jibża' minn missieru huwa għażel li jmur jiffirma.

Jgħid li l-attur huwa raġel aggressiv u kien aggressiv f'diversi okkazzjonijiet miegħu, m'ommu u ma' ħuħ Clinton tant li ingħata sentenza ta' sitt xhur priġunerija fuq vjolenza fuq ommu u ħuh, liema sentenza kienet ġiet appellata fil-mument li kien qed jixhed.

Jgħid li kien mar missieru għalih il-ħanut t'oħtu biex imorru għand in-Nutar nonostante li kien jibża minnu. Jgħid li quddiem in-Nutar l-attur reġa' semma' s-somma ta' €20,000 u għax il-konvenut oġġezzjona, l-attur qam għalih u beda jgħajjat u jidgħi quddiem in-Nutar.

Wara ħafna battibekki bejniethom missieru ddeċieda li jirriduċi l-ammont għal €17,000. Il-konvenut jgħid li wara l-kuntratt huwa ma kienx qiegħed jagħmel pagamenti lill-missieru pero wara li kien ġie mheded minn missieru f'Jannar 2014 huwa beda jagħmel pagamenti żgħar fix-xahar iżda waqaf jagħmel il-ħlasijiet għax kien jaf li l-flus li hemm fl-iskrittura ma kinux dovuti. Jgħid ukoll li wara d-data tal-iskrittura huwa qatt ma ssellef l-ammont ta' €3,000 mingħand missieru. Dwar il-vann jgħid li minn dak li jaf hu, kien ta' ħuħ tant li ħuħ kien biegħu lil terzi.

Waqt il-kontro-eżami, l-konvenut ikkonferma l-firma tiegħu fuq l-iskrittura tat-2 t'April 2012. Jikkonferma li huwa għamel xi ħlasijiet fis-sena 2014 meta missieru beda jheddu. Huwa qal li theddid beda meta ommu bdiet il-kawża ta' separazzjoni; qabel missieru qatt ma semmilu flus. Jgħid li quddiem in-Nutar kienu preżenti hu u missieru biss. Jgħid li missieru qatt ma għaddielu flus f'idu. Jikkonferma li l-ispejjeż għall-bar li kienu joperaw kien għamilhom missieru u bejniethom ma kien hemm l-ebda ftehim fuq l-ispejjeż. Dwar il-firem li

hemm fuq il-maġġoranza tal-irċevuti ta' valur ta' €100, jgħid li hija l-firma tiegħu għaliex il-Kumitat kienu jgħadduhom lilu u hu kien jgħaddihom lil missieru. Jgħid li kienu jgħadduhom lilu għaliex huwa kien jirranġa magħhom għall-kera u għad-dawl. Meta ġie mistoqsi jekk hu qattx għamel rapport mal-Pulizija dwar theddid minn missieru huwa jgħid li qatt ma għamel għax dejjem beża'. Pero jgħid li lin-Nutar kien informah li huwa qiegħed hemm għax kien imġiegħel minn missieru.

Mistoqsi jekk kienx qal lin-Nutar dawk il-kliem quddiem missieru huwa qal li iva u li l-attur qabad isabbat u jidgħi. Jgħid li huwa ma qabilx mal-kontenut tal-iskrittura.

Meta ġie mistoqsi dwar il-karozza, huwa qal li l-karozza kienet ta' ħuh li kien sellifha lil missieru u ma jafx għalfejn kienet tniżżlet fil-kuntratt. Jgħid li meta mar għand in-Nutar huwa kien sab kollox miktub u lest pero l-parti fejn ġie maqbul li l-ħlas seta' jsir f'somma verjuri maqbula bejn il-partijiet kienet żdiedet fuq insistenza tiegħu.

Xehdet **Karen Cremona**, **rappreżentant ta' Transport Malta** fejn spjegat li l-vettura JBG 145 tal-għamla Isuzu kienet ġiet reġistrata fis-6 ta' Novembru 2003 fuq Ventur Motors Centre Co. Ltd u fid-19 ta' Diċembru 2003 ġiet trasferita fuq Paul Calleja.Fl-14 ta' Novembru 2011 l-imsemmija vettura ġiet reġistrata fuq Clinton Mifsud u fl-14 ta' Lulju 2016 din ġiet trasferita lil Antoine Saliba.

Xehed **Lawrence Cefai**, **President tal-Każin tal-Partit Laburista ta' Santa Venera**. Huwa ppreżenta kopja ta' kuntratt ta' kiri mhux datat iżda li jkopri l-perjodu bejn l-1 t'Ottubru 2009 u 30 ta' Settembru 2010 liema kuntratt ta' kera kien ġie iffirmat minn l-attur Joseph Mifsud. Ix-xhud jgħid li l-kera kienet tal-bar bi kċina żgħira u kien sar mal-missier iżda preżenti fil-bar kien ikun hemm daqqa l-missier u daqqa l-iben, anke flimkien kienu jkunu.

Jgħid li l-attur Joseph Mifsud kien xtara bank għall-bar bl-aċċessorji tiegħu għas-somma ta' €4,500 u dan sar bi qbil mal-każin. Il-każin ħallsu din is-

somma kollha fil-valur ta' €100 kull xahar.[3] In kontro-eżami jgħid li l-kirja baqgħet tiġġeded sal-2013.

Permezz t'affidavit xehdet **Maria Elena Mifsud**, **mart l-attur u omm il-konvenut**. Tibda billi tgħid li hija għaddejja minn proċedura ta' separazzjoni minn ma' żewġha u ilha f'dawn il-proċeduri mill-2010. Spjegat li hija taf li fis-sena 2009 l-attur ried jikri l-bar u l-kċina tal-Każin ta' Santa Venera.

Tgħid li binhom il-konvenut dak iż-żmien kellu 19-il sena u wera x-xewqa li jmexxi dak il-bar ma' missieru. Tgħid li l-ftehim bejniethom kien li l-konvenut jieħu ħsieb il-bar filwaqt li l-attur jieħu ħsieb il-kċina u dan kienet tarah hi stess meta kienet tmur il-każin.

Qalet li wara xi żmien il-konvenut kien qalilha li missieru kien talbu l-flus tax-xogħol li kien għamel fil-bar tal-każin, pero tgħid li hija qatt ma semgħat lill-attur jgħid li jrid xi flus mingħand il-konvenut. Hija tgħid li lill-binha kienet qaltlu biex ma jħossux sfurzat iħallas lill-missieru meta qatt ma kien hemm dak il-ftehim.

Permezz t'affidavit xehdet **Maria Dolores sive Dorianne Borg**, **bint l-attur u oħt il-konvenut**. Xhedet li tiftakar li missierha u ħuha kienu jmexxu l-bar u l-kċina tal-Każin Laburista ta' Santa Venera. Tgħid li wara li waqfu joperaw il-bar u wara li ommha fetħet il-kawża ta' separazzjoni, missierha kull darba li kien jara lil Justin kien joqgħod jitolbu l-flus. Tgħid li hija qatt ma taf li qabel dak iż-żmien kienet semgħet lil missierha jitlob lill-konvenut xi flus.

Tgħid li ħuha kien jibża minn missieru għaliex dejjem kien jirrabbja u jidgħi meta ma jieħux li jrid. Hija qalet li missierha ġieli qal lil Justin sabiex imorru għand in-Nutar u Justin kien jinjorah jew jgħidlu iva b'nofs ħeġġa. Tgħid li wara saret taf li kienu marru għand nutar. Hija kkonkludiet l-affidavit tagħha li ma tafx l-ammont li kien qiegħed jintalab lill-ħuwha minn missierha, pero'

[3] Kopja tal-irċevuti minn paġna 68 tal-proċess.

għal xi żmien kienu daħħluha fis-sitwazzjoni ta' bejniethom meta kienet tkun preżenti u tiffirma fuq il-karta bħala prova li sar il-ħlas.

Maria Dolores Borg xehdet in kontro-eżami. Hija ġiet mistoqsija jekk il-karti ffirmati bejn missierha u ħuha kinux jinżammu minnha u hija qalet li mhux il-każ, il-karti kien iżommhom missierha, iżda tikkonferma li kienet tiktibhom hi u l-flus kienu jibdlu l-idejn quddiemha. Ix-xhud ma tiftakarx kemm il-pagament għaddew quddiemha u għal kemm żmien damu jsiru l-pagamenti. Il-pagamenti kienu jsiru fil-ħanut tagħha. Il-ħlasijiet kienu jsiru fi flus kontanti u qatt b'ċekk.

Xehed in-**Nutar Reuben Debono** fejn ikkonferma li l-iskrittura tat-2 t'April 2012 mertu tal-kawża għamilha hu. Jgħid li għandu mar l-attur Joseph Mifsud sabiex issir l-iskrittura. Ix-xhud ma jistax jiftakar jekk l-abbozzar kienx għamlu quddiem il-partijiet dak il-ħin jew inkellha kienx ippreparah qabel u kemm marru jiffirmawh. Jikkonferma li huwa kien xhud taż-żewġ firem. Kompla jiġi mistoqsi hekk:

> "Dr Mark Simiana: U l-komportament tal-partijiet dak il-hin waqt il-kuntratt inti tiftakar kif kien?
> Dr Reuben Debono: Emminni ghax dan wisq probabli bicca xoghol ta' ghaxar minuti kwarta kollox seba` snin ilu biex tiftakar certu dettalji.
> Dr Mark Simiana: U ma kien hemm xejn din l-iskrittura partikolari li gaghalitek tiftakar? Ma kien hemm xejn barra mill-ordinarju biex nifthemu.
> Dr Reuben Debono: Difficli Avukat biex niftakar vera difficli ghax dan tant jghaddi zmien tant m`huwiex facli, [...]"[4]

In kontro-eżami huwa nsista li ma jiftakarx jekk kienx hemm xi tilwim quddiemu dwar l-ammont apparti li huwa ma jidħolx fid-dettal tar-raġuni ta' self.

[4] Paġna 122 tal-proċess.

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni Attriċi u d-Difiża tal-Konvenut**.

Din hija azzjoni għall-ħlas ta' bilanċ ta' kreditu pretiż mill-attur kontra l-konvenut, in parti ai termini ta' skrittura privata ffirmata mill-partijiet fit-2 t'April 2012 quddiem nutar; kif ukoll talba għal ritorn ta' vettura mislufa lill-konvenut mill-attur u fin-nuqqas ħlas ta' danni.

Il-konvenuta jilqa' għat-talbiet attriċi billi fl-ewwel lok jeċċepixxi n-nullita tal-iskrittura tat-2 t'April 2012 għaliex jallega li:

> **"l-iskrittura giet iffirmata in konsegwenza ta' żball da parti tal-intimat minħabba theddid u vjolenza morali eżerċitata mir-rikorrenti fil-konfront ta' ibnu l-intimat...."**

Jeċċepixxi wkoll il-konvenut illi:

> **"...il-kawża tal-iskrittura privata msemmija hija waħda falza u dana ghaliex l-intimat qatt ma ssellef brevi manu l-ammonti ta' sbatax-il elf ewro (€17,000) ...."**
>
> **U**
>
> **"... l-intimat wara d-data ta' dina l-Iskrittura, qatt ma ssellef brevi manu l-ammont ta' tlett elef ewro (€3,000) mingħand ir-rikorrent...."**

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

Bejn Joseph Mifsud u Justin Mifsud hemm skrittura privata iffirmata quddiem nutar fejn jingħad illi l-konvenut "qieghed jikkostitwixxi ruhhu bhala veru cert u likwidu debitur versu l-kreditur (l-attur) fl-ammont ta' Sbatax-il elf Ewro (€17,000) li jirrapprezenta self *brevi manu* qabel illum u dan taht is-segwenti kundizzjonijiet:

1. Minghajr interessi
2. restitwibbli f'pagamenti mensili ta' hames mija u tletin Ewro (€530) jew kwalunkwe somma ohra hekk kif miftiehem bejn il-partijiet fix-xahar sakemm jinqata' d-dejn kollu."

Bħala punt ta' tluq għandu jiġi puntwalizzat illi l-eċċezzjoni ta' nullita' ta' kuntratt tista' tingħata *per via di eccezione* u dan bis-saħħa tal-**Artikolu 1226 (1) tal-Kodiċi Ċivili** li jipprovdi illi:

> "L-eċċezzjoni ta' nullità tista', f'kull żmien, tiġi mogħtija minn dak li jkun imħarrek għall-esekuzzjoni tal-kuntratt, fil-każijiet kollha li fihom huwa nnifsu seta' jaġixxi għar-rexxissjoni."

Kif rajna *supra* l-konvenut ressaq l-eċċezzjoni illi l-iskrittura mertu tal-kawża hija nulla. Din l-eċċezzjoni ta' nullita' l-konvenut jaqsamha fi tlett branki:

i) illi l-iskrittura hija nulla għaliex l-effett ta' żball;
ii) illi l-iskrittura hija nulla għaliex il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat minħabba theddid u vjolenza;
iii) illi l-iskrittura hija nulla għaliex hija msejsa fuq causa falza.

Fir-rigward tal-eċċezzjoni tan-nullita' imsejsa kontestwalment sew fuq l-allegat effett ta' żball kif ukoll fuq l-allegat kunsens vizzjat minħabba theddid u vjolenza, l-attur issottometta fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu illi dawn ma humiex kompatibbli ma' xulxin u jikkontradixxu lil xulxin. Isostni illi kontraent ma jistax ikollu l-kunsens vizzjat minħabba żball u fl-istess ħin l-istess kunsens ikun vizzjat minħabba vjolenza.

Il-Qorti pero' ma tarax li hemm inkompatibilita' tali li ġġib fix-xejn liż-żewġ eċċezzjonijiet. L-iżball fit-termini tal-liġi jista' wkoll ikun l-effett ta' vjolenza u għemil doluż. Ma jirriżultax li l-qrati nostrani ikkonsidraw dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet bħala inkompatibbli (ara. **Anthony Aquilina et. vs. Av. Dr. Anthony H. Farrugia nomine** – Prim' Awla – 22 ta' Mejju 2001).

Puntwalizzat illi l-eċċezzjoni ta' nullita' tista' tingħata *in via di eccezione* kif ukoll li ma hemmx inkompatibilita' bejn l-eċċezzjoni ta' nullita' msejsa fuq vizzju ta' kunsens minħabba żball u l-eċċezzjoni ta' nullita' msejsa fuq vizzju ta' kunsens minħabba vjolenza jew theddid, għandu jingħad qabel deliberazzjoni ta' dawn l-eċċezzjonijiet illi fejn si tratta ta' allegata nullita' ta' skrittura il-prinċipju applikabbli jibqa' illi *contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non feritur*.

*"Indubbjament l-iskrittura jibqalha piz determinanti sakemm ma tigix newtralizzata minn provi skjaccanti, univoci u konkluzivi. Dan l-oneru kien jinkombi fuq il-konvenuta in kwantu hi kellha turi ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi l-obbligazzjoni taht ezami kienet ta bilhaqq kif minnha allegat"* (**Lawrence Farrugia vs. Fedela Carabott** – Prim' Awla - 28 ta' Jannar 2004.)

Ingħad fis-sentenza **Conrad Gatt et vs. George Xuereb et** - Prim' Awla - 14 ta' Frar 2017) li:

> "Ir-regola *contra scriptum testimonium non scriptum non fertur* tfisser li prova b'dokument ma tistax titwaqqa' bi prova kontra dak li tgħid il-kitba, jekk mhux għal raġunijiet serji [Ara, per eżempju, App. Ċiv. **28.2.1997** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech Sant noe vs Farruġia noe et*** (Kollez. Vol: **LXXXI.ii.394**); P.A. **11.5.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Privitera noe vs Galea noe*** (Kollez. Vol: **LXXII.iv.775**); App. Ċiv. **30.1.1967** fil-kawża fl-ismijiet ***Żammit et vs Żammit et*** (Kollez. Vol: **LI.i.61**) u App. Kumm. **28.10.1960** fil-kawża fl-ismijiet ***Lungaro Mifsud noe vs Polidano*** (Kollez. Vol: **XLIV.i.267**)]. Tant hu hekk, li dwar tali regola huwa stabilit li (a) meta ftehim ikun inkorporat f'kitba, għandu jitqies li dak li l-partijiet riedu

jiftehmu dwaru kien fil-fatt imniżżel f'dik il-kitba; (b) il-provi orali huma ammissibbli biss biex jiċċaraw xi punti dubjużi tal-kitba; (ċ) il-provi orali jistgħu jitressqu biex tiġi mfissra aħjar ir-rieda tal-kontraenti fuq il-kitba, l-iżjed jekk dak li nkiteb ikun tniżżel b'mod ambigwu jew biex jiġi pruvat xi fatt inċidentali jew aċċessorju kompatibbli mal-istess kitba [P.A. RCP **29.11.2001** fil-kawża fl-ismjiet ***General Cleaners Co Ltd vs L-Avukat Ġenerali et]***; u (d) li r-regola tibqa' fis-seħħ sakemm il-Qorti ma tkunx konvinta li fil-kitba jew kuntratt hemm żball jew tħalla barra xi patt għal raġuni speċjali [App. Ċiv. **6.6.1955** fil-kawża fl-ismijiet ***Gatt vs Cuschieri noe*** (Kollez. Vol: **XXXIX..i.221**) u l-għadd ta' riferenzi li hemm imsemmija]. […]

Jibqa' prinċipju kardinali konsagrat fil-ġurisprudenza illi ż-żamma fis-seħħ tal-kuntratti validament kontrattati hija ta' interess ġenerali għaliex huwa prinċipju ta' ordni pubbliku. Huwa għalhekk impellanti li meta jiġi impunjat kuntratt minħabba vizzju ta' kunsens, kif qed jittenta jagħmel il-konvenut, il-qorti jeħtiġilha timxi bl-akbar ċirkospezzjoni sabiex jiġi evitat li jiġi annullat kuntratt fejn ma jkunux jikkonkorru l-estremi għar-rexxissjoni tiegħu. (**Lawrence Farrugia vs Fedele Gatt** - Prim' Awla - 28 ta' Jannar 2004).

Ir-raġunijiet serji maħsuba bħala eċċezzjonijiet għar-regola huma meta (i) il-ftehim ikun vizzjat minn qerq jew xi raġuni oħra li tolqot is-siwi formali jew essenzjali tal-ftehim; (ii) il-ftehim ikun simulat; (iii) il-kitba ma turix fehmiet ċari ta' dak li suppost hemm qbil dwaru bejn il-partijiet, (iv) iqum punt inċidentali jew aċċessorju tal-ftehim li jkun meħtieġ li jiġi ppruvat u sakemm tali punt ma jkunx irrikonċiljabbli mal-ftehim ewlieni; u (v) meta, flimkien mal-ftehim miktub, ikun sar ftehim ieħor bil-fomm li b'xi mod jammonta għal kundizzjoni li tolqot fil-qalba l-eżekuzzjoni tal-ftehim innifsu (**Amante Caruana vs Saveria Bonniċi** - Prim' Awla - 31 ta' Jannar 2003);"

**L-Eċċezzjoni li l-Iskrittura hi Nulla għaliex l-effett ta' Żball**.

**Artikolu 974** tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li "jekk il-kunsens ikun ġie mogħti bi żball, .....ma jkunx jiswa."

**Skond Artikolu 976 (1 )** "L-iżball dwar il-fatt ma jġibx in-nullità tal-kuntratt ħlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim".

Dwar dan ix-xorta ta' żball Artikolu 976 (1) tal-Kodiċi Ċivili jrid li l-iżball dwar il-fatt irid jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-ħaġa li tkun l-oġġett tal-ftehim. Jekk ma jkunx hekk, żball ta' fatt qatt ma jista' jwassal għan-nullita ta' ftehim.

Fis-sentenza **Anthony Aquilina et vs. Av. Dottor Anthony H Farrugia noe** (Ċit Nru 2689/1996 – Prim' Awala - 22 ta' Mejju 2001) ġie ritenut illi :-

> "Illi dwar vizzju tal-kunsens minhabba zball, il-ligi tiddistingwi bejn zball dwar il-ligi li ma jgibx nullita` hlief meta dan ikun il-kawza wahdanija jew ewlenija tieghu, u zball ta' fatt li ma jgibx in-nullita` tal-kuntratt hlief meta jaqa' fuq is-sustanza nfisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim (Art 975 u 976 tal-Kap 16).
>
> [...]
>
> "Illi *"dejjem gie ritenut mill-Qrati taghna li biex jaghti lok ghat-thassir tal-kuntratt l-izball ta' fatt irid ikun zball sostanzjali. Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tat-30 ta' Marzu, 1936 fl-ismijiet "**Alessandro Portanier vs Paolo Dalli**" irriteniet li 'errore di fatti' ma jgibx ghan-nullita` tal-konvenzjoni 'se quando cade sulla sostanza stessa della cosa che ne e` l'oggetto'. In sostenn ta' dan saret referenza ghal dak li jinghad minn l-awtur Franciz Laurent (Vol XV, p 455) li fuq dan il-kuncett qal hekk: 'Pothier ci dira` cio` che bisogna intendere per errore sulla sostanza della cosa. L'errore annulla che le parti hanno avuto principalmente di mira e che forma la sostanza di questa cosa. L'errore sulla sostanza e` dunque un errore sulla qualita`, ma non ogni errore sulla qualita` e` sostanziale; bisogna che esso*

*cada su di una qaulita` principale, ed e` l'intenzione delle parti quello che deve decidere se una qualita` e` o no principale. E il caso di applicare il principio di Domat: Le parti non avrebbero contrattato se avessero saputo che la cosa non aveva quella qualita` che esse le supponevano; l'errore sara` sostanziale*". ("**Godfrey Aquilina noe vs Vincent Borg et**" – P.A. (AJM) 10 ta' Marzu 1997 - Vol LXXXI.III.44).[5]

Għalhekk hemm żball fuq is-sustanza tal-ftehim meta l-parti ma kenitx tidħol għall-kuntratt kieku kienet taf jew setgħet tkun taf b'xi fatt kardinali fil-mument tal-kuntratt. Jiġifieri jrid ikun żball tali ta' sustanza li jiddettermina jekk kenitx tagħti l-kunsens tagħha.

Waqt il-ġbir tal-provi, il-konvenut ma ressaq l-ebda prova rigwardanti l-allegat żball ta' fatt. Japplika dejjem il-prinċipju illi min jallega jrid jipprova. Il-provi juru illi l-konvenut kien jaf x'qiegħed jiffirma. Jekk riedx jiffirma hija l-eċċezzjoni l-oħra li ser tiġi trattata aktar 'l isfel. Pero' l-konvenut kien jaf li qed jiffirma fuq skrittura fejn kien qed jiddikjara li hu debitur tal-attur fis-somma hemm indikata u li din is-somma kienet tirrappreżenta somma flus li huwa kien issellef mingħand l-attur. Jekk dak hemm imniżżel kienx minnu jew le hija kwistjoni oħra li ser tiġi trattata aktar 'l isfel; pero' jirriżulta ċar li l-konvenut kien jaf x'qed jiffirma; ċirkostanza din li teskludi l-iżball kontemplat fil-liġi.

Konsegwentement il-Qorti qed tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut msejsa fuq allegat vizzju ta' kunsens minħabba żball.

**L-Eċċezzjoni tal-Konvenut li l-Kunsens Tiegħu kien Vizzjat Minħabba Vjolenza u Theddid**.

Il-konvenut jinsisti li missieru għandu karattru fejn dejjem irid li tgħaddi tiegħu u jkun vjolenti biex jieħu dak li jrid. Jikkontendi l-konvenut li huwa ffirma l-

[5] Ara wkoll **Carmelo Zarb et vs. George Xuereb** (Vol.LXXXII.ii.1027) deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fit-13 ta'Ottubru 1998.

iskrittura tat-2 t'April 2012 proprju għaliex b'effett tal-għajjat,dagħa u theddid tal-attur huwa ma kellux triq oħra ħlief li jiffirma.

**Artikolu 974** tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li "jekk il-kunsens ikun ġie mogħti bi .....bi vjolenza, jew b'għemil doluż, ma jkunx jiswa."

**Artikolu 978 (1)** tal-istess kodiċi jjipprovdi li "Il-kunsens jitqies meħud bil-vjolenza meta l-vjolenza hija tali li taħkem fuq persuna raġonevoli u ġġegħilha tibża' li hija nfisha jew ħwejjiġha jistgħu jiġu mqiegħda għal xejn b'xejn f'perikolu ta' ħsara kbira."

Il-Qrati nostrana kellhom diversi okkażżjonijiet jikkunsidraw pretensjoni ta' nullita ta' kutratti imsejsa fuq il-kawżali ta' **theddid u vjolenza.** Sentenza l-aktar ċitata fir-rigward hija dik mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-29 ta' Ottubru 1949 fil-kawża fl-ismijiet **Edgar G Soler noe vs. H. H. Sir David Campbell noe** fejn ingħad:

> "lIli skond il-liġi, il-vjolenza hija kawża ta' nullita tal-kuntratt għaliex tostakola l-liberta' tal-kunsens. II-vjolenza tikkonsisti f'*vie di fatto* jew minaċċi eżerċitati kontra persuna biex jiġi minnha karpit il-kunsens li hija ma tridx tagħti. Hu pero' neċessarju li l-vjolenza morali tkun il-kawża determinanti tal-kuntratt; jiġifieri biex kuntratt ikun suxxettibli li jiġi annullat minħabba l-vjolenza jeħtieġ li l-kunsens ta' waħda mill-partijiet ikun ġie estratt bi vjolenza; fi kliem ieħor li l-kunsens ikun il-frott ta' vjolenza eżerċitata li tottjeni dak il-kunsens … u mhux ir-riżultat aċċidentali ta' vjolenza eżerċitata biex jiġi raġġunt skop divers. Mhux biżżejjed li l-kunsens jiġi mogħti u l-kuntratt ikun sar taħt pressjoni ta' forza nsormontabbli għal dak li jkun ta l-kunsens; għaliex dik il-forza tista' tkun forza naturali u nkonxjenti, u għalhekk – proprjament ma jkunx hemm vjolenza mill-punto di vista ġuridiku. ll-vjolenza trid tkun l-opera ta' persuna li teżerċitaha biex tottjeni l-kunsens."

Fis-sentenza **Rosario Bartolo vs. Giovanni Bartolo** deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-14 ta' Novembru 1935 intqal is-segwenti:

> "Biex il-vjolenza morali tammonta għall-vizzju tal-kunsens hemm bżonn li tkun determinanti, inġusta u gravi u tali li tagħmel impressjoni fuq persuna raġonevoli u li tiġġenera l-biża' li tesponi inġustament lill-persuna tagħha jew il-ġid tagħha għal dannu gravi [...] II-kwistjoni jekk hemmx vjolenza hija ndaġni li hija mħollija nterament fil-prudenza tal-ġudikant."

Fuq l-istess linja ta' ħsieb hi s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Joseph Busuttil noe vs. Anthony Zahra** (Ċit 893/1993) deċiża fil-25 ta' Marzu 2004

> "il-minaċċja trid tkun gravi u determinanti, b'mod li tinfiċċja fuq il-kunsens ta' dak il-kontraent; irid jirriżulta wkoll li dak il-kontraent kien f'pożizzjoni li ma setax jeħles mill-vjolenza jekk mhux billi jiffirma dik l-obbligazzjoni impoġġija quddiemu [...] Kif qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawża "Camilleri vs Vella", deċiża fid-9 ta' Ġunju, 2003, l-istat ta' anzjeta' u turbulenza tal-persuna ma jfissirx li l-kunsens ikun vizjat, għax fin-nuqqas ta' prova ta' theddieda ta' vjolenza fiżika impellenti, darba li jirriżulta li l-kontraent kien jaf x'inhu jagħmel, il-kuntratt m'għandux jitħassar."

Ta' rilevanza partikolari għall-każ odjern huwa dak li jingħad fis-sentenza **Conrad Gatt et vs. George Xuereb et** (Ċit Nru 443/2001) deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Frar 2017:

> "Illi biex il-vjolenza tħassar il-kunsens, irid jintwera li kienet (a) il-kawża determinanti li tkun ġiegħlet lill-parti li tidher għall-kuntratt, (b) il-frott tal-ħidma tal-persuna li eżerċitatha biex jinkiseb dak il-kunsens u (ċ) li l-kunsens hekk meħud ikun ir-riżultat tal-vjolenza hekk eżerċitata u mhux ir-riżultat aċċidentali ta' għemil maħsub biex jinkiseb riżultat ieħor [P.A. **29.10.1949** fil-kawża fl-ismijiet ***Soler noe vs Campbell noe*** (Kollez. Vol: **XXXIII.ii.431**)]. Għalhekk, biex il-vjolenza tkun biżżejjed biex ixxejjen il-kunsens, trid tkun determinanti, gravi u, fuq kollox, inġusta b'mod li tqanqal f'persuna raġonevoli biżgħa li tesponiha jew lil qarib tagħha għal ħsara fil-ġid jew fil-persuna tagħha [P.A. GV **30.6.2000** fil-kawża ***Francis Scicluna***

***vs Dominic Cutajar*** (konfermata mill-Qorti tal-Appell fis-**16.4.2004**)]. Huwa miżmum ukoll li biex it-theddida tkun gravi u determinanti jrid jintwera (minn min jallega l-vjolenza) li l-parti ma kellhiex mod kif teħles mill-vjolenza eżerċitata fuqha jekk mhux billi tiffirma l-obbligazzjoni li tkun tressqet quddiemha [P.A. TM **25.3.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Busuttil noe vs Anthony Żahra et*** (mhix appellata)]. Madankollu, mhux kull stat ta' ansjeta' jwassal biex kunsens mogħti fuq kuntratt ikun wieħed bla siwi, jekk kemm-il darba jintwera li l-parti kontraenti kienet taf x'inhi tagħmel [App. Ċiv. **9.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Evan T. Camilleri et vs Michelina Vella***];"

Fil-każ odjern huwa l-attur stess li jikkonferma li huwa għamel pressjoni fuq ibnu l-konvenut sabiex isir il-kuntratt u jammetti li kien hu li ħadu għand in-Nutar sabiex isir l-iskrittura. Iżda dan ma jikwalifikax bħala vjolenza kontemplata fil-liġi li twassal għall-vizzju tal-kunsens.

Il-konvenut xhed illi l-attur heddu diversi drabi qabel ċeda u mar miegħu għand in-nutar sabiex jiffirma l-iskrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu; pero' mkien ma jispjega fhiex kien jikkonsisti dan it-theddid. L-allegat dagħa u għajjat ma jammontax għall-vjolenza kontemplata fil-liġi. Vjolenza li ġġib fix-xejn kunsens trid tkun tali li ġġib biża kbir fir-reċipjent tagħha illi jekk ma jiffirmax ser ikun vittma ta' vjolenza fiżika jew inkella ser ikun vittma billi jsofri ħsara fi ħwejġu. F'dan ir-rigward il-konvenut naqas li jġib provi. Imkien ma jispjega x'kien it-theddid li suppost irċeva mingħand missieru.

Għal kuntrarju jaċċetta l-konvenut li missieru kien ilu żmien twil jgħidlu illi ried li jmorru għand nutar sabiex jirrendu f'kitba il-flus li l-attur kien qed jippretendi mingħand il-konvenut rigward il-flus li l-attur kien ħareġ sabiex il-konvenut rama il-bar li kien qed jiġġestixxi.

Il-konvenut jammetti li kellu jagħti lill-missieru ammont ta' flus iżda mhux is-somma indikata fl-iskrittura. Isostni l-konvenut illi missieru kien ħareġ is-somma ta' circa €3,000 u mhux €17,000 sabiex il-konvenut seta jarma l-bar u jibda jiġġestih.

Il-konvenut ressaq bħala xhud lil oħtu Maria Dolores Borg li spjegat li "ħafna drabi" l-attur u l-konvenut kienu jkunu fil-ħanut tagħha u kienet tisma' lill-missierha jgħid lill-konvenut sabiex jatih il-flus lilu dovuti. Tgħid li missierha kien joqgħod jirrabja u jidgħi u l-konvenut kien jipprova jinjorah. Tkompli tixhed hekk: "Dak iz-zmien hija kien ghadu zghir u kien jidher li jibza minnu. Dan nghidu ghaliex missieri dejjem hekk jaghmel meta ma jiehux li jrid." Ix-xhud Maira Dolores Borg imkien ma ssemmi li kienet tisma' xi theddid. Dan jabqel max-xhieda tal-istess konvenut għaliex anke hu qatt ma jsemmi fiex kien jikkonsisti t-theddid li suppost irċeva minn missieru. Imkien ma jispjega kif il-volonta' tiegħu kienet oppressa minn bizgħa ta' dannu fiżiku u materjali li ġalitu jiffirma dak li suppost ma riedx li jiffirma.

Fix-xhieda tagħha Maria Elena Mifsud, omm il-konvenut, spjegat li l-attur qatt ma kellu jitlob flus mingħand il-konvenut tenut kont li meta kien żgħir kien flimkien ma' ħutu jgħin lill-missierhom fil-gabbana. Xhedet li kienet qalet lill-konvenut "sabiex ma jhossux sfurzat illi jhallas lil missieru meta qatt ma kien hemm dan il-ftehim".

Opportun jiġi osservat illi mkien fix-xhieda tagħha ma tgħid li rat xi atti ta' vjolenza mill-attur fuq il-konvenut. Lanqas tixhed fuq xi atti ta' vjolenza li setgħu b'xi mod kellhom rilevanza għall-mertu tal-kawża odjerna. Tajjeb jiġi osservat illi sew omm il-konvenut kif ukoll oħtu xhedu bil-mezz ta' affidavit u għalhekk kellhom kull opportunita' li jixhdu dwar il-vjolenza u theddid illi l-konvenut jallega fil-konfront tal-attur.

Il-fatt li l-iskrittura mertu tal-kawża ġiet iffirmata quddiem nutar tkompli ġġib fix-xejn l-eċċezzjoni tal-konvenut illi l-kunsens tiegħu kien vizzjat minħabba vjolenza u theddid. Fix-xhieda tiegħu in-Nutar Reuben Debono qal li ma jiftakarx b'xi avveniment partikolari li kien sehh quddiemu bejn il-partijiet u lanqas ma jiftakar li kien hemm xi għajjat bejn il-partijiet fil-preżenza tiegħu. Din il-Qorti ssiba diffiċli temmen lill-konvenut meta qal li huwa kien informa lin-Nutar li kien qiegħed jiġi mhedded minn missieru sabiex jiffirma. Mhux

verosimili li avvenimenti ta' din ix-xorta jsehhu quddiem nutar u jisfumaw mill-memorja ta' dak li jkun xhud tagħhom.

Il-konvenut xhed illi missieru kien bniedem vjolenti tant li kien weħel sentenza ta' priġunerija. Pero' fir-rigward ma ressaq l-ebda provi, la testimonjanzi orali u lanqas provi dokumentarji. Tali xhieda setgħat tkun rilevanti għall-finijiet ta' l-evalwazzjoni tal-eċċezzjoni in dizamina; in-nuqqas ta' tali prova, jekk teżisti. jista' biss jiġi imputat lill-konvenut.

Il-konvenut u oħtu xhedu li missierhom jibda jgħajjat u jidgħi jekk ma jieħux dak li jrid. Meta ġiet iffirmata l-iskrittura in kwistjoni l-konvenut kellu 22 sena u ma kienx għadu xi tifel żgħir. Meta sar il-ftehim mal-każin sabiex il-konvenut jibda jmexxi l-bar, il-konvenut ma kellu l-ebda assi x'jinvesti f'tali ġestjoni u kien jiddependi finanzjarjament totalment fuq missieru.

Mill-kumpless tal-provi mressqa il-Qorti temmen il-verżjoni tal-attur illi huwa ried jgħin lil ibnu sabiex jibda jiġġestixxi negozju u li kien qed jistenna li l-flus li kien qed joħroġ għal dan il-għan eventwalment jintraddu lura mill-konvenut; għalkemm la ftehmu imgħax u lanqas terminu.

Jista' jkun kif jgħid il-konvenut li missieru beda jitolbu lura l-flus li ħareġ fl-interess tal-konvenut meta inqala l-inkwiet matrimonjali bejn l-attur u omm il-konvenut. Iżda dan ma jbiddel xejn mill-fatt li l-attur sellef flus lill-konvenut; ħallas lill-terzi u għamel xogħolijiet huwa personalment sabiex jarma l-bar li l-konvenut kien ser jiġġestixxi.

In tema legali ssir referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-sentenza **Mark Randon et vs. Salvatore Farrugia** (App Ċiv 852/2003) mogħtija fil-31 ta' Jannar 2014 fejn qieset li:

> "Huwa veru li l-atturi huma debituri tal-konvenut [...] u li l-kreditur tal-obbligazzjoni ghandu dritt jiehu dawk il-mezzi kollha opportuni biex jikkawtela l-interessi tieghu. Ghal dan il-ghan hu konsentit li juza certu grad ta' pressjoni biex jiehu dak li hu dovut lilu, u kif qalet il-Prim'Awla tal-

Qorti Civili fil-kawza **Borg v. Dolphin Supermarkets Ltd**, deciza fit-13 ta' Gunju 2003, il-fatt li l-attur gie mwissi li jekk ma jammettix li kien hu li ha l-flus, isir rapport lill-Pulizija u nqala hafna storbju u kien hemm hafna ghajjat waqt il-laqgha, ma jfissirx li l-iskrittura tista' tigi mwarrba. Ghalhekk, livell ta' stress jew stat ta' ansjeta` ma jwassalx biex jitwarrab il-kuntratt li gie ffirmat b'dak l-istat ta' animu. It-theddida ta' proceduri legali (per ezempju, ta' rapporti lill-Pulizija) ukoll ma jwasslux ghal xi difett fil-kunsens, ghax kreditur ghandu dritt jirrikorri ghall-mezzi kollha li taghtih il-ligi biex jakkwista dak li hu dovut lilu. Ghalhekk, sa fejn l-agir tal-konvenut u nies imqabbda minnu, kien jikkonsisti f'ghajjat jew, kif qalet l-ewwel Qorti, kien jiehu ghamla *"ta' fastidju akkanit fil-konfront tal-attur"*, wiehed ikun jista' jargumenta li l-pressjoni adoperata kienet fil-limitu ta' dak permissibbli."

It-talbiet voċiferi da parti tal-attur akkumpanjati bl-għajjat sabiex il-konvenut jew iħallsu lura l-flus mislufa jew imorru għand nutar ma jammontax għall-vjolenza jew għemil doluż kontemplat fl-artikolu 974 tal-Kap. 16. Il-konvenut la jallega u wisq anqas ġab provi li l-konvenut refa' jdejh fuqu jew ħeddu li jerfa jdejh fuqu jew li jagħmel ħsara fil-proprjeta' tal-konvenut. Għalhekk la tirriżulta vjolenza fiżika jew għemil doluż u lanqas vjolenza morali fir-termini tal-artikolu 974 tal-Kap. 16.

Konsegwentement l-eċċezzjon ta' nullita' msejsa fuq il-vjolenza u l-għemil doluż qed tiġi respinta.

**L-Eċċezzjoni li l-Iskrittura hija Nulla għax għandha Kawża Falza**.

Fit-tieni eċċezzjoni l-konvenut jeċċepixxi li "il-kawża tal-iskritura privata msemmija hija wahda falza u dan ghaliex l-Intimat qatt ma sselef *brevi manu* l-ammonti ta' sbatax-il elf ewro (€17,000)".

**Artikolu 987** tal-Kodiċi Ċivili jistipula illi "L-obbligazzjoni mingħajr kawża, jew magħmula fuq kawża falza jew illeċita, m'għandha ebda effett".

**Artikolu 988.**

Il-ftehim, b'dan kollu, jibqa' jiswa jekk jiġi ppruvat li kien hemm kawża biżżejjed, għalkemm mhux espressa

**Artikolu 989.**

Jekk il-kawża espressa tkun falza, il-ftehim jista', b'dan kollu, jinżamm sħiħ, kemm-il darba jiġi ppruvat li kien hemm kawża oħra.

Il-liġi trid li obbligazzjoni mingħajr kawża jew mibnija fuq waħda falza jew illeċita ma jkollha l-ebda effett. Din hija nullita assoluta, għalkemm jekk, minbarra l-kawża espressa li tkun falza, jkun hemm fl-obbligazzjoni kawżi oħrajn li m'humiex kontra l-liġi l-ftehim jista' jinżamm sħiħ fuq il-kawżi leċiti (**Artikolu 989** tal-Kodiċi Ċivili).

Skrittura jibqalha piż determinanti sakemm ma tiġix newtralizzata minn provi skjaċċanti, univoċi u konklużivi. Dan l-oneru kien jinkombi fuq il-konvenut in kwantu kellu juri għas-sodisfazzjoni tal-Qorti illi l-obbligazzjoni taħt eżami kienet bla kawża. (**Lawrence Farrugia vs Fedela Carabott** - Prim' Awla – 28 ta' Jannar 2004).

Biex jirnexxi fl-eċċezzjoni tiegħu il-konvenut kien jeħtieġlu qabel xejn jipprova illi "che cio che si contrattava non era la verita', ma una simulazione, cioe' 'fictio seu ostensio falzi pro vero'; anche la difficolta' riducesi a questioni di fatto, indagando a poter decidere, non su cio che fu scritto 'non quod scriptum sed quod gestum' coerentemente alla massima 'acta simulata substantiam mutare non possunt" ("**Francesco Teuma -vs- Luigi Camilleri et**" - Qorti tal-Kummerc - l-1 ta' Ottubru 1884 – (Vol. X paġna 912**)**.

Fil-każ in eżami il-konvenut isostni li ma kien hemm ebda self iżda kien hemm ġestjoni ta' każin bejnu u bejn l-attur. Mill-provi jirriżulta li huwa minnu li parti mis-somma llum reklamata mill-attur ma ingħatawx direttament f'idejn il-konvenut iżda tħallsu lil terzi fl-interess tal-konvenut liema ħlasijiet saru sew fl-għarmar tal-bar kif ukoll fix-xiri tal-istock meħtieġ; pero' dan ma jnaqqas xejn mill-karattru ta' mutwu mill-attur a favur il-konvenut.

Mill-provi mressqa jirriżulta illi l-attur ħareġ ammonti sostanzjali ta' flus sabiex il-konvenut ikun jista' jarma l-bar fil-każin qabel seta' jibda jiġġestih. L-attur spjega li l-ammont ta' €17,000 indikat fl-iskrittura jirrapreżenta sew fllus mislufa lill-attur; flus imħallsa lil terzi fl-interess tal-konvenut rigward l-armar tal-bar; kif ukoll il-valur ta' xogħolijiet li l-attur għamel personalment sabiex il-bar jiġi allestit u funzjonanti sabiex il-konvenut ikun jista' hemm jiġġestixxi n-negozju tiegħu.

Il-konvenut ma jinnegax li missieru għamel ħafna spejjeż fil-bar anzi kkonferma li l-kuntratt tal-kera tal-bar għalkemm ġestit unikament minnu kien fuq isem missieru u li x-xogħol għamlu u ħallasulu kollu missieru. Jisħaq pero' li qatt ma kien hemm ftehim ta' self bejnu u l-attur. Jsostni li bejnu u l-attur kien hemm ġestjoni flimkien ta' bar ta' każin u li l-iskrittura kienet il-konsegwenza tat-tmien ta' dik il-ġestjoni konġunta. Jisħaq għalhekk illi l-kwalifika fl-iskrittura li l-ammont hemm indikat jirrapreżenta self brevi manu tikkostitwixxi kawza falza li għandha twassal li l-iskrittura titqies bħala nulla.

Il-fatt li l-attur għamel diversi spejjeż fil-bar li ħallashom direttament hu lil terzi sabiex il-konvenut ikun jista' jibda jiġġestih a benefiċċju esklussiv tal-istess konvenut ma jirrendix il-kawża tal-iskrittura bħala waħda falza. Dan ma jwassalx għall-konkors ta' dawk iċ-ċirkostanzi gravi, preċiżi, univoċi u konkordanti li huma meħtieġa sabiex skrittura tiġi dikjarata nulla minħabba kawża falza.

Mill-kumpless tal-provi huwa ċar illi mhux minnu li l-partijiet riedu jagħmlu ftehim u fil-fatt għamlu ftehim ieħor. Mhux minnu li l-iskrittura hi fittizja jew li ma tikkorrispondix għal dak li seħħ bejn il-partijiet. M'hemmx ħtieġa

għalhekk ta' l-intervent ġudizzjarju sabiex terġa tiġi ristabbilita l-verita', proprju għaliex l-iskrittura tirrifletti fedelment dak li kkontrattaw bejniethom il-partijiet.

Għalhekk l-eċċezzjoni li l-iskrittura hija afflitta minn kawża falza qed tigi respinta.

Ikkunsidrat;

**Pagamenti Akkont u Allegat Self ieħor ta''€3,000**.

Stabbillit li l-iskrittura de quo ma hiex nulla, jeħtieġ issa li jiġi evalwat jekk sarux pagamenti akkont mill-konvenut u jekk hemmx ammonti oħra dovuti oltre dak indikat fl-iskrittura.

L-attur jgħid li oltre l-ammont indikat fl-iskrittura huwa sellef lill-konvenut is-somma ulterjuri ta' €3,000 kif ukoll li mill-ammont indikat fl-iskrittura huwa irċeva biss €1,000 akkont mingħand il-konvenut filwaqt li l-konvenut jgħid li ħallas €2,350.00 akkont tal-ammont indikat fl-iskrittura "...imbagħad kont waqaft ghaliex jiena kont naf illi dawk il-flus msemmijin fl-iskrittura ma kenux dovuti" filwaqt li jiċħad li wara l-iffirmar tal-iskrittura huwa issellef €3,000 kif qed jallega l-attur.

In sostenn tal-pagamenti akkont li huwa għamel lill-attur il-konvenut ippreżenta kopja ta' folji li fuqhom hemm indikat seba' (7) pagamenti ta' €200 -il wieħed effettwati bejn l-4 ta' Jannar 2014 u t-3 ta' Awissu 2014; u tlett (3) pagamenti ta' €300 -il wieħed effettwati bejn il-31 ta' Ottubru 2014 u t-3 ta' Dicembru 2014, b'kollox elfejn u tlett mitt ewro (€2,300). Dawn huma l-pagamenti akkont li dwarhom xhedet oħt il-konvenut tant li kienet hi ukoll tiffirma ħdejn iċ-ċifra imħallsa flimkien mal-firma tal-attur bħala riċevuta.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu l-attur ma jsemmi xejn dwar dan id-dokument li huwa ffirma u li ma kkontestax il-veraċita' tiegħu.

Għalkemm il-konvenut ma jallegax li effettwa aktar pagamenti minn dawk li jidhru fid-dokument imsemmi, huwa ritenut illi l-prova tal-pagamenti tista' ssir b'kull mezz u mhux neċessarjament bil-produzzjoni ta' riċevuta.

L-aqwa prova hija l-irċevuta, pero' il-prova tal-ħlas tista' ssir b'mezzi oħrajn. Il-posizzjoni tad-debitur m'għandiex tiġi magħmula iżjed diffiċli minn dik li tagħmilha l-liġi meta tesiġi li l-prova tal-ħlas tmiss lilu. (**Joseph Schembri et vs. Saviour sive Sammy Attard** - Prim' Awla - 17 t'Ottubru 2019; Genovese vs Bajada - Appelli Kummerċjali - 10 ta' Ġunju 1966).

> "Hu principju mhux kontrastat in materja in fatti illi 'la prova del pagamento e a peso del convenuto che lo allega', kif kienet iddecidiet il-Qorti tal-Kummerc fis-sentenza taghha tat-28 ta' Mejju 1985 fil-kawza **Negte Michele Apap noe vs Giuseppe Grech**. Fil-gurisprudenza taghna gie kostantament ritenut li l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah, u li jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju ghandu jigi rizolt favur l-attur". (**Lombard Bank Malta plc vs. H. Vassallo & Sons Ltd. et,** - Qorti tal-Appell - 29 ta' Frar 2008).

Dawn il-prinċipji regolanti l-prova tal-pagament huma applikabbli sew għall-kwistjoni bejn il-partijiet dwar kemm tħallas mill-ammont indikat fl-iskrittura; sew fir-rigward tal-allegazzjoni tal-attur, kontestata mill-konvenut, li l-attur ħallas is-somma ulterjuri lill-konvenut ta' tlett elef ewro (€3,000).

F'dan ir-rigward issir ukoll referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fl-ismijiet **Johann Schembri pro et noe vs. Charlot Mifsud** (App Nru 274/2003) datat 19 ta' Ottubru 2005, fejn ġew elenkati l-prinċipji regolanti l-prova ta' ħlas fi proċess ġudizzjarju:

> “1. Huwa principju pacifiku illi l-piz ta’ prova tal-pagament hu fuq id-debitur konvenut li jallegah. Dan ghaliex una volta eccepixxa l-pagament kien jispetta lilu li jipprova dan b’mod konvincenti u konklussiv. (Ara **Joe Chetcuti et vs Joseph pearson et noe**, Appell - 5 ta’ Ottubru 1998).
> 2. Huwa imbaghad pacifikament maghruf illi *“l-pagament jista’ jigi ppruvat bil-mezzi kollha ammessi u rikonoxxuti mid-dritt probatorju, jigifieri bi provi diretti, bhal dokumenti, xhieda u l-konfessjoni tal-kreditur, kif ukoll bi provi indiretti, bhal ma huma l-prezunzjonijiet u l-indizji kapaci li jikkonvincu lill-gudikant.”* (**Emanuele Bezzina vs Emmanuele Attard et,** Qorti Civili Prim’ Awla - 12 ta’ Frar 1959).
> 3. Hu wkoll generalment accettat, illi f’kaz ta’ dubju referibbilment ghall-pagament dan kellu jkun rizolt favur l-attur - kreditur li ma kienx aggravat bl-oneru fuq imsemmi. (Ara **Angelo Scicluna vs John Scerri**, Qorti tal-Kummerc – 30 ta’ Mejju 1951, konfermata mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta’ Novembru 1951).”

Konsidrat illi l-firem tal-attur b’xhieda l-firem ta’ bintu, ħdejn ċifri mhux minnu kontestati huma prova tajba tal-ħlasijiet magħmula mill-konvenut hemm riflessi, il-Qorti tqis illi l-konvenut irnexxielu jipprova sodisfaċentement illi huwa effettwa pagamenti lill-attur li komplessivament jammontaw għal elfejn u tlett mitt ewro (€2,300) u mhux elf ewro (€1,000) kif jikkontendi l-attur. Anzi, l-Qorti tqis illi l-attur għamel dikjarazzjoni ġuramentata falza meta ddikjara fir-rikors ġuramentat promotur illi huwa tħallas biss is-somma ta’ elf ewro (€1,000) akkont u reġa irrepeta l-istess ħaġa fix-xhieda tiegħu mogħtija fis-6 ta’ Ottubru 2021.

Għalhekk il-Qorti qed tqis li mill-ammont indikat fl-iskrittura l-konvenut ħallas akkont is-somma ta’ €2,300.

Ikkunsidrat;

L-attur qiegħed ukoll jitlob il-ħlas ta’ somma ulterjuri ta’ €3,000 allegatament mogħtija lill-konvenut bħala self *brevi manu* wara l-iffirmar tal-iskrittura de quo. Fir-rigward ta’ din il-pretensjoni l-attur jgħid li ma saritx skrittura pero’ ma jagħti l-ebda spjegazzjoni għaliex suppost sellef somma flus lill-konvenut fuq l-idejn meta kien għadu kemm għadda minn kwistjoni fit-tul dwar is-self preċedenti mal-istess konvenut li dwarha kellhom jispiċċaw imorru jagħmlu skrittura quddiem nutar.

Il-konvenut jiċħad kategorikament li huwa issellef tali ammont.

L-attur ma ressaq l-ebda prova oħra fir-rigward ħlief it-testimonjanza tiegħu.

Rinfaċċjata b’żewġ verzjonijiet dijametrikament opposti ir-rizoluzzjoni tal-vertenza tiddependi mill-kredibilita’ tax-xhieda kif ukoll minn provi ċirkostanzjali li naħa jew oħra tressaq in sostenn tal-posizzjoni tagħha.

F’dawn is-sitwazzjonijiet ta’ verzjonijiet kunfliġġenti ingħad fis-sentenza tal Prim Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet F**rank Giordmaina Medici et vs William Rizzi** et mogħtija fit-28 ta’ April 2004 li:-

> “Huwa principju assodat fil-gurisprudenza li f' kaz ta' zewg verzjonijiet diametrikalment opposti u li jkunu plawsibbli jew possibbli dan jiffavorixxi l-konvenuti in bazi ghal principju li onus probanti incumbit ei qui dicit non ei qui negat. Huwa l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero', il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju rajonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza morali f' mohh il-gudikant. Din c-certezza morali rikjesta f' kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabilitajiet. Mera possibilita' mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili. Il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha. Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg versjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita' u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza,

ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant. Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhux dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal- proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli”

Din il-Qorti m’hi xejn konvninta mix-xhieda tal-attur dwar dan l-allegat self ulterjuri ta’ €3,000. Abbinat dan mal-fatt illi anke fir-rigward tal-ħlasijiet akkont effettwati mill-konvenut, l-attur ma xhedx il-verita’. Inoltre l-attur naqas milli jressaq xi prova ċirkostanzjali fir-rigward. Il-Qorti ma tqisx ix-xhieda tal-attur dwar dan l-allegat self bħala waħda kredibbli.

Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet u fuq l-iskorta tal-ġurisprudenza applikabli il-Qorti tqis illi l-attur ma rnexxilux jipprova sal-grad rikjest illi huwa għandu jieħu mingħand il-konvenut somma ulterjuri ta’ €3,000 u għalhekk din it-talba qed tiġi miċħuda.

Il-Qorti għalhekk ser tiċħad it-talba tal-attur in kwantu tirreferi għal din il-pretensjoni.

**<u>Talba Attriċi dwar Vann</u>.**

L-attur qiegħed jitlob ukoll li l-konvenut jiġi kkundannat iroddlu lura vann bin-numru ta’ reġistrazzjoni JBG 145 tat-tip Isuzu.

Il-konvenut jilqa’ għal din it-talba billi jeċċepixxi illi dan il-vann ma hux tal-attur iżda huwa ta’ iben ieħor tal-attur ċertu Clinton Mifsud, ħu l-konvenut.

L-attur isostni illi irrispettivament minn min hu jew kien is-sid tal-vettura in kwistjoni, ġaladarba huwa silef dan il-vann lill-konvenut, il-konvenut huwa fid-dover li jroddulu lura. In sostenn ta' din it-talba l-attur jiċċita s-sentenza **Giovanni Azzopardi vs Spiridione Camilleri** mogħtija mill-Prim' Awla fil-25 ta' Frar 1960.

Il-Qorti ma tqisx li din it-talba hija fondata.

Tajjeb jiġi rilevat illi hawn non si tratta ta' self ta' karrozza minn xi azjenda li tikri l-vetturi lill-klijenti tagħha. Hawn si tratta ta' self minn missier lil iben ta' vettura proprjeta' ta' iben ieħor.

Għalhekk dan is-self ta' vettura seħħ f'ambitu familjari u mhux f'ambitu kummerċjali.

Vettura li kienet tappartjeni u reġistrata fuq Justin Mifsud ġiet mgħoddija mill-attur lill-konvenut sabiex ikun jista' jaħdem biha. Kif din il-vettura kienet f'idejn l-attur meta kienet reġistrata fuq Justin Mifsud ma tingħatax risposta sodisfaċenti mill-attur ħlief li "saret paprata ohra hemm".

Ħadd mill-partijiet ma deherlu li għandu jsejjaħ lil Justin Mifsud sabiex jixhed dwar din il-vettura.

L-attur jistrieh fuq l-iskrittura tat-2 ta' April 2012 fejn jingħad hekk fir-rigward:

> "Bis-saħħa ta' din it-tieni parti ta' din l-iskrittura l-kreditur (l-attur) qieghed jislef (Mutuum) il-Van Isuzu numru ta Registrazzjoni JBG – 145, mingħajr hlas u dan sabiex ikun jista jaghmel xi xoghol u jaqla l-flus biex ikun jista' jirrestitwixxi s-somma fuq indikata."

Fir-rikors ġuramentat promotur l-attur jitlob permezz tar-raba' talba tiegħu li l-konvenut jiġi kkundanat sabiex fi żmien qasir u perentorju stabbilit mill-

Qorti jrodd lura din il-vettura lill-attur; u jsegwi fil-ħames talba tiegħu sabiex fin-nuqqas li jottempera ruħu fit-terminu hekk stabbilit jiġi kkundannat iħallas lill-attur il-valur tal-vann.

Fin-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu l-attur jistieden lill-Qorti sabiex tiddeċiedi r-raba' talba biss u ma tqisx il-ħames talba.

Il-Qorti ma tqisx din l-istedina fondata għaliex b'tali talba l-attur qed jittenda jibdel is-sustanza tar-raba' u l-ħames talba attriċi.

Huwa minnu li hemm skrittura li fiha jingħad li l-attur qed jislef vettura lill-konvenut mingħajr korrispettiv; pero' huwa daqstant ieħor minnu li din il-vettura ma kenitx tal-attur, li kienet tappartjenti lil Justin Mifsud li min-naħa tiegħu jidher li kien silifha lil missieru; u li kien l-istess Justin Mifsud illi ħa l-vann mingħand il-konvenut u biegħu, kif del resto jidher li kellu kull dritt li jagħmel.

Il-Qorti tqis li dan ix-xenarju f'ambitu familjari ma jagħtix id-dritt lill-attur li jfittex lill-konvenut għad-danni peress li ma irritornalux il-vann li jappartjeni lil Justin Mifsud; tenut kont li dan Justin Mifsud ma ressaq l-ebda pretensjoni fir-rigward tal-vann kontra l-attur. It-talba attriċi għar-restituzzjoni tal-vann hija pre-ordinata għat-talba għad-danni fin-nuqqas ta' restituzzjoni. Tali talba kienet tispetta lill-attur kieku ġie allegat u ppruvat li s-sid tal-vann kien qed ifittex lill-attur għall-valur tal-vann, li ma hux il-każ

L-attur ma sofra l-ebda danni bil-fatt li l-vann ġie restitwit mill-konvenut lil huh qua sid tal-vann. Għalhekk il-Qorti tqis illi r-raba' u l-ħames talba attriċi ma jimmeritawx li jiġu akkolti.

***L-imghax***

L-attur qiegħed jitlob ukoll li l-konvenut iħallas l-imgħaxijiet fuq il-kreditu pendenti.

B'referenza għall-iskrittura ta' bejn il-partijiet huwa evidenti illi l-partijiet ma ftehmux dwar imgħax fuq is-somma hemm indikata bħala dovuta mill-konvenut lill-attur. Anzi jingħad espressament "1. Mingħajr interessi".

Għalhekk fil-każ odjern l-imgħax legali jibda jiddekorri mill-jum li fih il-konvenut ġie notifikat b'att ġudizzjarju sabiex iħallas l-ammont dovut, f'dan il-każ mid-data tan-notifika tar-rikors ġuramentat promotur lill-konvenut li seħħet fis-17 ta' April 2017[6] (**Artikolu 1141 (2) tal-Kap. 16)**.

**Spejjeż**.

Tenut kont ir-rebħ u t-telf rispettiv tal-partijiet u ċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, il-Qorti tqis illi jkun ekwu li kull parti tħallas l-ispejjez tagħha. Għalhekk qed tiddeċiedi illi l-ispejjeż tal-partijiet għandhom jibqgħu bla taxxa.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut konformement ma' dawk hawn deċiż, u b'mod partikolari;

1. Tiċħad l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni;
2. Tilqa' l-għaxar eċċezzjoni;
3. Tilqa' in parte l-ewwel talba attriċi, tiddikjara li l-konvenut huwa debitur tal-attur fis-somma ta' erbatax-il elf u seba' mitt Ewro (€14,700);
4. Tilqa' in parte it-tieni talba attriċi, tikkundana lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' erbatax-il elf u seba' mitt Ewro (€14,700) bl-imgħax legali mis-17 ta' April 2017.

[6] A tergo ta' paġna 12 tal-proċess

5. Tiċħad it-tielet, ir-raba' u l-ħames talba attriċi.

Spejjeż bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
31 ta' Mejju 2022

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**